

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.



Opinjoni Konġunta 2/2021 tal-EDPB - EDPS dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi

għas-suġġetti msemmija fl-Artikolu 46(2)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679

WERREJ

| | | |
|--------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| 1 | SFOND | 4 |
| 2 | RAĠUNAMENT ĠENERALI DWAR L-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI U L-ABBOZZ TAL-SCC | 6 |
| 2.1 | Struttura u metodoloġija ġenerali tal-Opinjoni Konġunta..... | 6 |
| 2.2 | Preżentazzjoni ġenerali tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u tal-Abbozz tal-SCCs u interazzjoni mar-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari | 7 |
| 3 | ANALIŻI TAL-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI | 8 |
| 3.1 | Referenzi għall-EUDPR (Premessa (8))..... | 8 |
| 3.2 | Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-kunċett tat-trasferimenti (Artikolu 1(1)) 9 | |
| 4 | ANALIŻI TAL-ABBOZZ TAL-SCCs | 9 |
| 4.1 | Kumment ġenerali dwar l-Abbozz tal-SCCs..... | 9 |
| 4.2 | Taqsimi I | 10 |
| 4.2.1 | Klawżola 1 - Skop u kamp ta' applikazzjoni..... | 10 |
| 4.2.2 | Klawżola 2 - Benefiċjarji ta' partijiet terzi | 10 |
| 4.2.3 | Klawżola 6 - Klawżola dwar id-dokkjar..... | 12 |
| 4.3 | Taqsimi II - Obbligi tal-partijiet | 13 |
| 4.3.1 | Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> – L-Ewwel Modulu (Trasferiment minn kontrollur għal kontrollur) | 13 |
| 4.3.2 | Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> – It-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur) | 15 |
| 4.3.3 | Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> – It-Tielet Modulu (Trasferiment minn proċessur lil proċessur) | 16 |
| 4.3.4 | Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad- <i>data</i> – Ir-Raba' Modulu (Trasferiment minn proċessur lil kontrollur)..... | 18 |
| 4.3.5 | Kummenti orizzontali - Klawżola 2 (Liġijiet lokali li jaffettwaw il-konformità mal-Klawżoli) u l-Klawżola 3 (Obbligi tal-importatur tad- <i>data</i> f'każ ta' talbiet għal aċċess mill-gvern) 18 | |
| 4.3.6 | Klawżola 2 – Liġijiet lokali li jaffettwaw il-konformità mal-klawżoli | 20 |
| 4.3.7 | Klawżola 3 – Obbligi tal-importatur tad- <i>data</i> fil-każ ta' talbiet għal aċċess mill-gvern | 22 |
| 4.3.8 | Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad- <i>data</i> - L-Ewwel Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil kontrollur)..... | 23 |
| 4.3.9 | Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad- <i>data</i> - it-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur) u t-Tielet Modulu (trasferiment minn proċessur lil proċessur)..... | 24 |
| 4.3.10 | Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad- <i>data</i> - Ir-Raba' Modulu (Trasferiment minn proċessur lil kontrollur)..... | 25 |
| 4.3.11 | Klawżola 6 - Rimedju..... | 25 |

| | | |
|--------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| 4.3.12 | Klawżola 7 - Responsabbiltà - L-Ewwel Modulu (Trasferiment kontrollur lil kontrollur) u r-Raba' (Trasferiment proċessur lil kontrollur) | 26 |
| 4.3.13 | Klawżola 7 - Responsabbiltà - it-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur) u t-Tielet (Trasferiment minn proċessur lil proċessur)..... | 26 |
| 4.3.14 | Klawżola 9 - Superviżjoni..... | 26 |
| 4.4 | Taqsim III - Dispożizzjonijiet finali | 27 |
| 4.4.1 | Klawżola 1 - Nuqqas ta' konformità mal-Klawżoli u t-terminazzjoni | 27 |
| 4.5 | Annessi | 27 |

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidraw l-Artikolu 42(2) tar-Regolament 2018/1725 tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

ADOTTAW L-OPINJONI KONĠUNTA LI ĠEJJA

1 SFOND

1. F'konformità mal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*² ("GDPR"), kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali li tkun qed tiġi pproċessata jew li tkun maħsuba għall-ipproċessar wara t-trasferiment lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali għandu jsir biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu V tal-GDPR jiġu osservati mill-kontrollur u l-proċessur, inkluż għal trasferimenti ulterjuri ta' *data* personali mill-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali lil pajjiż terz ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali oħra. B'mod partikolari, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, kwalunkwe trasferiment għandu jkun ibbażat fuq salvagwardji xierqa elenkati fl-Artikolu 46 tal-GDPR.
2. Il-klawżoli standard tal-protezzjoni tad-*data* adottati mill-Kummissjoni Ewropea (jew il-**"Kummissjoni"**) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 93(2) tal-GDPR ("**SCCs**") huma waħda mis-salvagwardji xierqa elenkati mill-Artikolu 46 tal-GDPR.
3. Sabiex ikunu validi, l-SCCs iridu jinkorporaw mekkaniżmi effettivi li jagħmluha possibbli, fil-prattika, li tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni u li t-trasferimenti ta' *data* personali skont dawn il-klawżoli jiġu sospiżi jew ipprojbiti fil-każ ta' ksur ta' tali klawżoli jew jekk ikun impossibbli li jiġu onorati³.

¹ Ir-referenzi għal "Stati Membri" li saru f'din l-opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE".

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data); ĠU L 119, 04.05.2016, p. 1-88.

³ Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020; Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data vs Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems; Kawża C-311/18; punt 137.

4. Fil-15 ta' Ġunju 2001, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2001/497/KE dwar klawżoli standard kontrattwali għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, skont id-Direttiva 95/46/KE⁴, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016⁵ ("**is-SCCs tal-2001**"), ikkomplementata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Diċembru 2004⁶ ("**is-SCCs tal-2004**").
5. Fil-5 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE⁷, emendata aktar tard bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016⁸ ("**is-SCCs tal-2010**").
6. Fis-16 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ("**QĠUE**" jew "**il-Qorti**") iddeċidiet li l-eżami tal-SCCs tal-2010 fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma żvela xejn li jaffettwa l-validità ta' dik id-deċiżjoni ("**id-deċiżjoni Schrems II**")⁹.
7. Fl-istess każ, il-QĠUE pprevediet ukoll kjarifiki addizzjonali dwar l-użu tal-SCCs. B'mod partikolari, il-QĠUE ddikjarat li s-suġġetti tad-*data* li d-*data* personali tagħhom tiġi ttrasferita lil pajjiż terz skont klawżoli standard tal-protezzjoni tad-*data* għandhom jingħataw, bħal fil-kuntest ta' trasferiment ibbażat fuq deċiżjoni ta' adegwatezza, livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-Unjoni Ewropea¹⁰.
8. Il-QĠUE żiedet tgħid li "*[p]eress li, [...], huwa inerenti għan-natura kuntrattwali tal-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-*data* li dawn ma jistgħux jorbtu lill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi, [...] jista' jirriżulta neċessarju li s-salvagwardji li jinsabu f'dawn il-klawżoli standard ta' protezzjoni tad-*data* jiġu kkompletati*"¹¹.
9. B'konsegwenza ta' dan, fl-10 ta' Novembru 2020, l-EDPB adotta r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità

⁴ 2001/497/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2001 dwar klawżoli standard kontrattwali għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi, skont id-Direttiva 95/46/KE; ĠU L 181, 04.07.2001, p. 19-31.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjonijiet 2001/497/KE u 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi u lil proċessuri stabbiliti fit-tali pajjiżi, skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ĠU L 344, 17.12.2016, p. 100-101.

⁶ 2004/915/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2001/497/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' sett alternattiv ta' klawżoli standard kontrattwali għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi; ĠU L 385, 29.12.2004, p. 74-84.

⁷ 2010/87/: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5-18.

⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2297 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/497/KE u 2010/87/UE dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi u lil proċessuri stabbiliti fit-tali pajjiżi, skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ĠU L 344, 17.12.2016, p. 100-101.

⁹ Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020; Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* vs Facebook Ireland Limited u Maximillian Schrems; Kawża C-311/18; punt 149.

¹⁰ Ibid, punt 96.

¹¹ Ibid, punt 132.

mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-*data* ("ir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari")¹².

10. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat:
- Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("I-Abbozz ta' Deċiżjoni"); kif ukoll
 - Abbozz ta' Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("I-Abbozz tal-SCCs").
11. L-Abbozz ta' Deċiżjoni jippjana li jħassar l-SCCs tal-2001, l-2004 u l-2010.
12. L-Abbozz tal-SCCs jikkombina klawżoli ġenerali ma' approċċ modulari biex jindirizza diversi xenarji ta' trasferiment. Minbarra l-klawżoli ġenerali, il-kontrolluri u l-proċessuri għandhom jagħżlu l-modulu applikabbli għas-sitwazzjoni tagħhom fost l-erba' moduli li ġejjin:
- L-Ewwel Modulu: trasferiment minn kontrollur lil kontrollur;
 - It-Tieni Modulu: trasferiment minn kontrollur lil proċessur;
 - It-Tielet Modulu: trasferiment minn proċessur lil proċessur;
 - Ir-Raba' Modulu: trasferiment minn proċessur lil kontrollur.
13. F'dan il-kuntest, fit-12 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni talbet lill-EDPB u lill-EDPS joħroġu Opinjoni Konġunta dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs ("l-Opinjoni Konġunta"), f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ("EUDPR")¹³.

2 RAĠUNAMENT ĠENERALI DWAR L-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI U L-ABBOZZ TAL-SCC

2.1 Struttura u metodoloġija ġenerali tal-Opinjoni Konġunta

14. **L-ewwel nett**, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Opinjoni Konġunta tinkludi (i) parti ewlenija li tiddekrivi fid-dettall il-kummenti ġenerali li l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jagħmlu u (ii) anness fejn kummenti addizzjonali ta' natura aktar teknika jsiru direttament lill-Abbozz tal-SCCs, b'mod partikolari sabiex jiġu pprovduti xi eżempji ta' emendi possibbli. Ma hemm l-ebda ġerarkija bejn il-kummenti ġenerali u dawk tekniċi.

¹² https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/consultation/edpb_recommendations_202001_supplementarymeasures-transfer-tools_mt.pdf.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE; ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98.

15. **It-tieni**, il-kummenti ġenerali dwar l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs huma ppreżentati f'żewġ taqsimiet separati. Fejn meħtieġ, isiru kontroreferenzi biex tiġi żgurata l-konsistenza.
16. **It-tielet**, għal raġunijiet ta' konsistenza, fejn ikun meħtieġ, isiru wkoll kontroreferenzi għall-Opinjoni Konġunta tal-EDPB u l-EDPS dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri skont l-Artikolu 28(7) tal-GDPR u l-Artikolu 29(7) tal-EUDPR.

2.2 Preżentazzjoni ġenerali tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u tal-Abbozz tal-SCCs u interazzjoni mar-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari

17. B'mod ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'sodisfazzjon li l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs jippreżentaw livell imsaħħaħ ta' protezzjoni għas-suġġetti tad-*data*.
18. B'segwitu għall-kontribut tal-EDPB għall-evalwazzjoni tal-GDPR skont l-Artikolu 97 tal-GDPR¹⁴, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-fatt li dan l-aġġornament tal-SCCs eżistenti għandu l-intenzjoni li:
 - Iġib l-SCCs konformi mar-rekwiżiti l-ġodda tal-GDPR¹⁵.
 - Jirrifletti aħjar l-użu mifrux ta' operazzjonijiet ta' pproċessar ġodda u aktar kumplessi li ta' spiss jinvolvu diversi importaturi u esportaturi tad-*data*, ktajjen ta' pproċessar twal u kumplessi, kif ukoll relazzjonijiet kummerċjali li qed jevolvu. Dan ifisser li jiġu koperti sitwazzjonijiet addizzjonali ta' pproċessar u trasferiment u li jintuża approċċ aktar flessibbli, pereżempju fir-rigward tal-għadd ta' partijiet li jistgħu jissieħbu fil-kuntratt¹⁶.
 - Jipprevedi salvagwardji speċifiċi biex jiġi indirizzat l-effett tal-liġijiet tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni fuq il-konformità tal-importatur tad-*data* mal-klawżoli, u b'mod partikolari kif għandhom jiġu ttrattati talbiet vinkolanti mill-awtoritajiet pubbliċi fil-pajjiż terz għal divulgazzjoni tad-*data* personali ttrasferita¹⁷.
19. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu d-dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom l-għan li jindirizzaw uħud mill-kwistjonijiet ewlenin identifikati fis-sentenza Schrems II, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Abbozz tal-SCCs dwar:
 - Il-liġijiet ta' pajjiżi terzi li jaffettwaw il-konformità mal-Abbozz tal-SCCs (Taqsimi II - Klawżola 2);
 - Talbiet għal aċċess riċevuti mill-importatur tad-*data* u maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz (Taqsimi II - Klawżola 3); u
 - Mekkaniżmu ta' rimedju *ad hoc* fakultattiv għall-benefiċċju tas-suġġetti tad-*data* (Taqsimi II - Klawżola 6).
20. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnotaw b'sodisfazzjon li l-Abbozz tal-SCCs jirrifletti diversi miżuri identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari, għalkemm għal xi oħrajn l-

¹⁴ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_contributiongdprevaluation_20200218.pdf.

¹⁵ Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; Il-Premessa 6.

¹⁶ Ibid, Premessa 6.

¹⁷ Ibid, Premessa 18.

EDPB u l-EDPS jitolbu aktar konsistenza, kif spjegat fid-dettall b'mod partikolari fit-Taqsima 4.3.6 hawn taħt.

21. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari se tibqa' rilevanti wara l-adozzjoni tal-Abbozz tal-SCCs. B'mod partikolari, l-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-Kummissjoni tiċċara li xorta jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn, minkejja l-użu tal-SCCs il-ġodda, se tibqa' meħtieġa l-implimentazzjoni ta' miżuri supplimentari *ad hoc* sabiex jiġi żgurat li s-suġġetti tad-*data* jingħataw livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-UE. Bħala tali, l-SCCs il-ġodda se jkollhom jintużaw flimkien mar-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari. L-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tirreferi għall-verżjoni finali tar-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari, jekk il-verżjoni finali tar-Rakkomandazzjonijiet tiġi aġġornata qabel l-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-Abbozz tal-SCCs¹⁸.

3 ANALIŻI TAL-ABBOZZ TAD-DEĊIŻJONI

3.1 Referenzi għall-EUDPR (Premessa (8))

22. L-EDPB u l-EDPS jieħdu nota li l-Premessa (8) tal-Abbozz tad-Deċiżjoni taqra kif ġej:

*"Il-klawżoli kuntrattwali standard jistgħu jintużaw ukoll għat-trasferiment ta' data personali lil subproċessur f'pajjiż terz minn proċessur li mhuwiex istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jipproċessa data personali f'isem tali istituzzjoni jew korp tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan se jiżgura wkoll konformità mal-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) 2018/1725, sa fejn dawn il-klawżoli u l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* kif stabbiliti fil-kuntratt jew f'att legali ieħor bejn il-kontrollur u l-proċessur skont l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ikunu allinjati. B'mod partikolari dan se jkun il-każ meta l-kontrollur u l-proċessur ikunu jiddependu mill-klawżoli kuntrattwali standard inklużi fid-Deċiżjoni [...]"*
23. L-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li l-Abbozz tal-SCCs għandu jkopri operazzjonijiet ta' pproċessar bejn proċessuri u subproċessuri li għalihom il-kontrollur huwa istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-UE ("EUI") soġġett għall-EUDPR.
24. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS iqisu li r-rekwiżiti rilevanti tal-EUDPR għandhom jiġu riflessi tul il-katina kollha tal-kuntratti meta EUI tkun il-kontrollur. Dan għandu jiġi ċċarat aktar fl-Abbozz tad-Deċiżjoni u fl-Abbozz tal-SCCs.
25. Fi kwalunkwe każ, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li dejjem jibqa' possibbli li l-Kummissjoni tneħħi kwalunkwe referenza għall-EUDPR jekk tiddeċiedi li ma tapplikax l-abbozz tal-Artikolu 46 tal-SCCs għar-relazzjonijiet bejn il-proċessuri u s-subproċessuri li jkunu parti minn operazzjoni ta' pproċessar li għaliha l-kontrollur huwa EUI soġġett għall-EUDPR.

¹⁸

https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/consultation/edpb_recommendations_202001_supplementarymeasures_restransferstools_mt.pdf. Dan id-dokument ġie ppreżentat għall-konsultazzjoni pubblika sal-21 ta' Diċembru 2020 u għadu soġġett għal modifiki ulterjuri possibbli abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika.

3.2 [Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-kunċett tat-trasferimenti \(Artikolu 1\(1\)\)](#)

26. **L-ewwel nett**, l-Artikolu 1(1) tal-Abbozz tad-Deċiżjoni jipprevedi li:
- “Il-klawżoli kuntrattwali standard stabbiliti fl-Anness jitqiesu li jipprovdu salvagwardji xierqa skont it-tifsira tal-Artikolu 46(1) u (2)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679 għat-trasferiment ta' data personali minn kontrollur jew proċessur soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 (esportatur tad-data) lil kontrollur jew (sub)proċessur mhux soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 (importatur tad-data).”*
27. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u tat-titolu l-Abbozz tad-Deċiżjoni, l-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-Abbozz tad-Deċiżjoni ma jkoprix:
- Trasferimenti lil importatur tad-*data* mhux fiż-ŻEE iżda soġġett għall-GDPR għal ipproċessar partikolari skont l-Artikolu 3(2) tal-GDPR; u
 - Trasferimenti lil organizzazzjonijiet internazzjonali.
28. B'kunsiderazzjoni ta' dan, biex ma jkun hemm l-ebda dubju, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw lill-Kummissjoni tiċċara li dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biss biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Abbozz tad-Deċiżjoni u l-abbozz tal-SCCs stess, u mhux il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett tat-trasferimenti.
29. **It-tieni**, fil-Linji Gwida tiegħu l-EDPB diġà ċċara dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR¹⁹ li kontrollur jew proċessur qatt ma jkun soġġett bħala tali għall-GDPR, iżda biss fir-rigward ta' attività ta' pproċessar partikolari.
30. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw riformulazzjoni tal-Artikolu 1(1) tal-Abbozz tad-Deċiżjoni kif xieraq.

4 ANALIŻI TAL-ABBOZZ TAL-SCCs

4.1 [Kumment ġenerali dwar l-Abbozz tal-SCCs](#)

31. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-introduzzjoni ta' moduli speċifiċi għal kull xenarju ta' trasferiment. Madankollu, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li mhuwiex ċar jekk sett wieħed tal-SCCs jistax jinkludi diversi moduli fil-prattika biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet differenti, jew jekk dan għandux iwassal għall-iffirmar ta' diversi settijiet tal-SCCs. Sabiex jinkisbu l-akbar leġġibbiltà u ħeffa fl-applikazzjoni Prattika tal-SCCs, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi gwida addizzjonali (eż. fil-forma ta' dijagrammi sekwenzjali, il-pubblikazzjoni ta' Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs), eċċ.). B'mod partikolari, għandu jiġi ċċarat li l-kombinazzjoni ta' moduli differenti f'sett wieħed ta' SCCs ma tistax twassal biex ikun hemm konfużjoni fir-rwoli u r-responsabbiltajiet fost il-partijiet.

¹⁹https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_guidelines_3_2018_territorial_scope_after_public_consultation_en_1.pdf.

4.2 Taqsima I

4.2.1 Klawżola 1 - Skop u kamp ta' applikazzjoni

32. Fir-rigward tar-referenza għall-klawżoli kuntrattwali standard skont l-Artikolu 28(7) tal-GDPR inklużi fil-klawżola 1(c), l-EDPB u l-EDPS iqisu li huwa importanti li fl-Abbozz tad-Deċiżjoni jiġu spjegati b'mod ċar l-artikolazzjoni u l-interazzjoni bejn dan is-sett ta' SCCs u l-SCCs skont l-Artikolu 28(7) tal-GDPR. Għandu jkun iċċarat lill-partijiet, diġà inklużi fl-Abbozz tad-Deċiżjoni, li meta l-partijiet ikun beħsiebhom jibbenefikaw mill-SCCs kemm skont l-Artikolu 28(7) kif ukoll skont l-Artikolu 46(2)(c) tal-GDPR, il-partijiet jeħtieġ li jiddependu mill-SCCs tat-trasferiment. Skont il-Klawżola 1(c) tal-Abbozz tal-SCCs, il-partijiet huma permessi jżidu klawżoli oħra jew salvagwardji addizzjonali "*sakemm ma jmorrux kontra, direttament jew indirettament*", l-Abbozz tal-SCCs. Sabiex il-kontrolluri u l-proċessuri jiġu pprovduti b'ċertezza legali, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifiki dwar it-tip ta' klawżoli li l-Kummissjoni Ewropea tqis bħala li jmorru kontra direttament jew indirettament l-Abbozz tal-SCCs. Tali kjarifika tista', pereżempju, tindika li klawżoli li jmorru kontra l-Abbozz tal-SCCs ikunu dawk li jimminaw / jaffettwaw b'mod negattiv l-obbligi fl-Abbozz tal-SCCs jew jipprevjenu l-konformità mal-obbligi inklużi fl-Abbozz tal-SCCs. Pereżempju, klawżoli li jippermettu lill-proċessuri jużaw id-*data* għall-finijiet tagħhom stess imorru kontra l-obbligu tal-proċessur li jipproċessa *data* personali biss f'isem il-kontrollur u għall-finijiet u bil-mezzi identifikati minn dan tal-aħħar.

4.2.2 Klawżola 2 - Benefiċjarji ta' partijiet terzi

33. Skont il-Klawżola 2 tat-Taqsima I, "*Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jinvokaw u jinfurzaw dawn il-Klawżoli, bħala benefiċjarji ta' partijiet terzi*". Madankollu, dan id-dritt japplika biss għad-dispożizzjonijiet li mhumiex elenkati f'din il-Klawżola 2. Sabiex tiġi pprovduta informazzjoni ċara u mhux ambigwa lis-suġġetti tad-*data* dwar id-drittijiet tagħhom, kif ukoll lill-kontrolluri u lill-proċessuri li se jużaw il-Klawżoli dwar dawk id-drittijiet ta' partijiet terzi benefiċjarji, l-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tipprovidi, f'din il-Klawżola 2, lista "pożittiva" tad-drittijiet li huma infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*, minflok ma telenka dawk li mhumiex infurzabbli²⁰.
34. F'termini ta' sustanza, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li għadd ta' dispożizzjonijiet inklużi fil-lista pprovduta fil-Klawżola 2 għandhom fil-fatt isiru infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*, u għalhekk għandhom jiġihassru minn dik il-lista.
35. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²¹, u kif inhu meħtieġ mill-SAs għal regoli korporattivi vinkolanti ("**BCRs**"), **il-Klawżola 2 tat-Taqsima I (Benefiċjarji ta' partijiet terzi)** stess għandha tkun soġġetta għal eżegwibbiltà mis-suġġetti tad-*data*.
36. Fir-rigward **tal-Klawżoli 3 (Interpretazzjoni) u 4 (Ġerarkija) tat-Taqsima I**, għandu jiġi nnotat li jekk il-partijiet ma jirrispettawx ir-regoli dwar l-interpretazzjoni u dwar il-ġerarkija tad-dokumenti, dan jista'

²⁰ Dan ikun allinjat aħjar mal-mod kif jiġi abbozzat il-Kapitolu III tal-GDPR, kif ukoll mas-settijiet preċedenti ta' SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea (ara l-Klawżola 3 tal-SCCs tal-2001; Klawżola III(b) tal-SCCs tal-2004; u l-Klawżola 3.1 tal-SCCs tal-2010).

²¹ Ara l-Klawżola 3 fl-SCCs tal-2001; Il-Klawżola III(b) fl-SCCs tal-2004; Il-Klawżola 3 fl-SCCs tal-2010.

jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom. Għalhekk, I-EDPB u I-EDPS jemmnu li din il-Klawżola għandha ssir infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*.

37. **Fit-Tieni Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.9(a) u t-Tielet Modulu: Il-Klawżola 1.9(a)** fihom l-istess rekwiżiti. Dawn ikopru l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jindirizza l-mistoqsijiet tal-esportatur tad-*data* (kif ukoll il-mistoqsijiet tal-kontrollur, għat-Tielet Modulu). Jekk jinkisru, I-EDPB u I-EDPS huma tal-fehma li dawn iż-żewġ Klawżoli jista' jkollhom impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²².
38. Fit-Tielet Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.1(a) hija relatata mal-obbligu tal-esportatur tad-*data* li jinforma lill-importatur tad-*data* li qed jaġixxi skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur; Il-Klawżola 1.1(b) tistabbilixxi l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jipproċessa d-*data* personali skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur u dawk trażmessi mill-esportatur tad-*data*; u l-Klawżola 1.1(c) hija relatata mal-obbligu tal-importatur tad-*data* li jinforma lill-esportatur tad-*data* meta l-importatur tad-*data* ma jkunx jista' jsegwi dawk l-istruzzjonijiet u l-obbligu tal-esportatur tad-*data* li jinnotifika dan lill-kontrollur. L-EDPB u I-EDPS jinnutaw li ksur tat-**Tielet Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.1(a), (b), u (c)** jista' jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, għalhekk għandha ssir infurzabbli minnhom, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²³.
39. **Fir-Raba' Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.1**, I-EDPB u I-EDPS jinnutaw li l-Klawżola 1.1(a) u (b) huma relatati mal-obbligu tal-esportatur tad-*data*, rispettivament li jipproċessa d-*data* skont l-istruzzjonijiet tal-importatur tad-*data* u li jinforma lill-importatur tad-*data* jekk l-esportatur tad-*data* ma jkunx jista' jikkonforma mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur jew jekk jikser il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni tad-*data*; u l-Klawżola 1.1(c) tkopri l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jżomm lura milli jieħu kwalunkwe azzjoni li timpedixxi lill-esportatur tad-*data* milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-GDPR. **Ir-Raba' Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.3** tindirizza l-kapaċità tal-partijiet li juru konformità mal-impenji tagħhom meħuda skont l-SCCs.
40. Minħabba li ksur tal-impenji stabbiliti **fir-Raba' Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.1(a), (b), u (c), u l-Klawżola 1.3** jista' jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, dawn għandhom isiru infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*.
41. L-EDPB u I-EDPS jinnutaw li n-nuqqas ta' konformità mal-impenji ta' subproċessar jista' jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, u b'hekk **il-Klawżola 4(a), (b), u (c) tat-Taqsima II** għandha ssir infurzabbli mis-suġġetti tad-*data*, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²⁴.
42. L-EDPB u I-EDPS jinnutaw li **l-Klawżola 9(b) tat-Taqsima II** tindirizza l-qbil tal-importatur tad-*data* li jikkoopera mal-awtorità ta' superviżjoni kompetenti. Peress li ksur ta' dan l-impenn jista' jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, I-EDPB u I-EDPS iqisu li dan għandu jsir infurzabbli mis-

²² Ara l-Klawżola 5(e) fl-SCC tal-2010.

²³ Dan il-kumment japplika biss għat-Taqsima II, It-Tielet Modulu: Il-Klawżola 1.1(b) (ara l-Klawżola 5(a) fl-SCC tal-2010) u l-Klawżola 1.1(c) (ara l-Klawżola 5(b) fl-SCC tal-2010) tal-Abbozz tal-SCCs. Ma hemm l-ebda ekwivalenti tat-Tielet Modulu tat-Taqsima II: Il-Klawżola 1.1(a) fl-SCCs preċedenti.

²⁴ Ara l-Klawżola 5(h)(i) u (j) fl-SCCs tal-2010.

suġġetti tad-*data*, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²⁵, Kif ukoll fil-BCRs²⁶.

43. L-EDPB u l-EDPS jinnutaw li, **il-Klawżola 1(a) tat-Taqsima III** tipprevedi l-obbligu fuq l-importatur tad-*data* li jinforma lill-esportatur tad-*data* jekk ma jkunx jista' jikkonforma mal-SCCs, u minn dan isegwi l-obbligu għall-esportatur tad-*data* li jissospendi t-trasferiment(i) (il-Klawżola 1(b))), li mbagħad jista' jitttermina l-kuntratt skont ċerti kundizzjonijiet (il-Klawżola 1(c)) u jaġġi struzzjonijiet lill-importatur tad-*data* dwar x'jiġri mid-*data* wara tali terminazzjoni (il-Klawżola 1(d)).
44. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet jindirizzaw sitwazzjonijiet meta l-importatur tad-*data* ma jkunx jista' jikkonforma mal-SCCs u/jew ikun qed jikser l-SCCs, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li ksur tal-**Klawżola 1(a), (b), (c), u (d) tat-Taqsima III** jista' jkollu impatt fuq is-suġġetti tad-*data* u d-drittijiet tagħhom, u għalhekk għandhom ikunu jistgħu jinfurzawhom, kif inhuwa l-każ bħalissa fis-settijiet preċedenti tal-SCCs adottati mill-Kummissjoni Ewropea²⁷, kif ukoll fil-BCRs²⁸.

4.2.3 Klawżola 6 - Klawżola dwar id-dokkjar

45. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu l-inklużjoni ta' klawżola dwar id-dokkjar fil-Klawżola 6, li tippermetti, bħala għażla, lil kwalunkwe entità taderixxi mal-Abbozz tal-SCCs u għalhekk li ssir parti għall-kuntratt bħala kontrollur jew proċessur. Il-kwalifika u r-rwol tal-partijiet fil-kuntratt għandhom jidhru b'mod ċar fl-Annessi, speċjalment fil-każ meta partijiet ġodda jaderixxu mal-kuntratt. B'hekk, l-Anness għandu jiddeskrivi fid-dettall u jiddelimita l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, u jindika b'mod ċar liema pproċessar jitwettaq minn liema proċessur(i) f'isem liema kontrollur(i), u għal liema finijiet.
46. Il-Klawżola 6(a) tagħmel l-adeżjoni ta' partijiet ġodda fl-Abbozz tal-SCCs kondizzjonali fuq il-qbil tal-partijiet l-oħra kollha. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà fil-prattika, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifika dwar il-mod kif tali ftehim jista' jingħata mill-partijiet l-oħra (eż. jekk għandux jiġi pprovdut bil-miktub, l-iskadenza, l-informazzjoni meħtieġa qabel ma jintlaħaq ftehim). Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifika dwar jekk tali qbil iridx jingħata mill-partijiet kollha u kif għandu jsir dan, irrispettivament mill-kwalifika u r-rwol tagħhom fl-ipproċessar.

²⁵ Ara l-Klawżola 5(c) fl-SCCs tal-2001; Il-Klawżola II(e) fl-SCCs tal-2004; Il-Klawżola 8.2 fl-SCCs tal-2010.

²⁶ Ara l-Artikolu 47(2) tal-GDPR. Ara wkoll it-Taqsima 3.1 tad-Dokument ta' Hídma li tistabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li għandhom jinstabu fil-BCRs (WP256 rev.01), adottata mill-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 u approvata mill-EDPB, http://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=614109; u t-Taqsima 3.1 tad-Dokument ta' Hídma li tistabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li għandhom jinstabu fil-Proċessur BCRs (WP257 rev.01), adottata mill-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 u approvata mill-EDPB, http://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=614110.

²⁷ Ara l-Klawżola 5(a) fl-SCCs tal-2001; Il-Klawżola II(c) fl-SCCs tal-2004; Il-Klawżola 5(a) u (b), u l-Klawżola 12.1 fl-SCCs tal-2010.

²⁸ Ara t-Taqsima 6.3 tad-Dokument ta' Hídma li tistabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li għandhom jinstabu fil-BCRs (WP256 rev.01); u t-Taqsima 6.3 tad-Dokument ta' Hídma li tistabbilixxi tabella bl-elementi u l-prinċipji li għandhom jinstabu fil-BCRs Proċessuri (WP257 rev.01).

4.3 Taqsimha II - Obbligi tal-partijiet

4.3.1 Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* – L-Ewwel Modulu (Trasferiment minn kontrollur għal kontrollur)

4.3.1.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-Ewwel Modulu (Trasferiment minn kontrollur għal kontrollur)

47. Dan il-modulu jidher li jkopri trasferimenti bejn kontrolluri li jaġixxu bħala kontrolluri indipendenti jew separati. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe ambigwità, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni tivvaluta u tiċċara, fl-abbozz tad-Deċiżjoni jew fl-abbozz tal-SCCs, jekk dan il-modulu huwiex rilevanti biss għal kontrolluri indipendenti jew separati, jew jekk dan jistax jintuża wkoll f'xenarji ta' kontroll konġunt fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq minn kontrolluri konġunti fejn wieħed mill-kontrolluri konġunti jkun stabbilit barra mill-UE u ma jkunx soġġett għall-GDPR.

4.3.1.2 Klawżola 1.2 - Trasparenza

48. Il-Klawżola 1.2(a) tal-Abbozz tal-SCCs telenka l-elementi li fuqhom l-importatur tad-*data* jrid jipprovdi informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* li d-*data* personali tagħhom tiġi ttrasferita. Biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa u biex is-suġġetti tad-*data* jitqiegħdu f'pożizzjoni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst minn din il-klawżola, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-lista ta' elementi għandha tiġi kkompletata aktar, sabiex tinġieb konformi mal-Artikolu 14(1) u (2) tal-GDPR relatat mal-ġbir indirett tad-*data*. Bħala tali, din il-klawżola għandha tiġi kkomplementata b'informazzjoni dwar it-tipi ta' *data* personali pproċessata mill-importatur tad-*data*, u l-perjodu li għalih id-*data* personali se tinħażen minn dan tal-aħħar (jew il-kriterji użati biex dan jiġi ddeterminat).
49. Barra minn hekk, din il-klawżola għandha tispeċifika ż-żmien li fih l-importatur tad-*data* għandu jipprovdi din l-informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 14(3) tal-GDPR.
50. Barra minn hekk, mill-Klawżola 1.2(b) jirriżulta li l-importatur tad-*data* jista' jiġi eżentat milli jipprovdi informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* f'konformità mal-Klawżola 1.2(a), b'mod partikolari meta l-għoti ta' tali informazzjoni jirriżulta impossibbli jew ikun jinvolvi sforz sproporzjonat f'liema każ l-importatur tad-*data* għandu, sa fejn ikun possibbli, jaġħmel l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. L-użu tat-terminu "*sa fejn ikun possibbli*" ma jidherx f'konformità mal-Artikolu 14(5)(b) tal-GDPR u għandu jiġi tħassar. Fil-fatt, l-Artikolu 14(5)(b) tal-GDPR ma jipprevedix tali kundizzjoni iżda pjuttost jistabbilixxi rekwiżit ċar li l-informazzjoni ssir disponibbli pubblikament għas-suġġett tad-*data* meta l-għoti ta' tali informazzjoni jirriżulta impossibbli jew ikun jinvolvi sforz sproporzjonat mingħajr l-ebda deroga possibbli.

4.3.1.3 Klawżola 1.5 - Sigurtà tal-ipproċessar

51. B'rabta mal-obbligu tal-importatur tad-*data* li jimplimenta miżuri xierqa biex jiżgura s-sigurtà tad-*data* ttrasferita, il-Klawżola 1.5(a) tispeċifika li l-partijiet għandhom iqisu "*kriptaġġ matul it-trażmissjoni u l-anonimizzazzjoni jew il-pseudonimizzazzjoni, meta dan ma jipprevjenix l-issodisfar tal-iskop tal-ipproċessar*". Fir-rigward tar-referenza għall-anonimizzazzjoni, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li jekk id-*data* personali tiġi anonimizzata, l-obbligi skont il-GDPR ma jibqgħux applikabbli.

4.3.1.4 Klawżola 1.7 - Trasferimenti ulterjuri

52. L-obbligi tal-importatur tad-*data* skont din il-klawżola jgħajmu diversi kwistjonijiet:
53. L-ewwel nett, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li din il-klawżola ma tinkludix impenn mill-importatur tad-*data* li jinnotifika lill-esportatur tad-*data* bl-eżistenza ta' trasferiment ulterjuri kif inhu l-każ fl-SCCs tal-2004

għat-trasferimenti minn kontrolluri lil kontrolluri. L-EDPB u l-EDPS ma jifhmux x'inhi r-raġuni għaliex dan l-obbligu ma għiex irreplikant fl-Abbozz propost tal-SCCs. Tali informazzjoni tal-esportatur tad-*data* hija essenzjali biex dan tal-aħħar ikun jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 44 tal-GDPR, li speċifikament jirreferu għal trasferimenti ulterjuri u jiżguraw l-akkontabilità, kif meħtieġ mill-GDPR, għal kwalunkwe pproċessar f'dan il-każ speċifiku għall-ipproċessar soġġett għat-trasferiment ulterjuri.

54. Barra minn hekk, il-Klawżola 1.7 tipprovdi li l-importatur tad-*data* jista' jwettaq trasferiment ulterjuri jekk il-parti terza tkun marbuta bl-abbozz tal-SCCs jew taqbel li tkun marbuta b'dan. Madankollu, mhux iktar kif din id-dispożizzjoni taħdem fil-prattika jekk il-parti terza kkonċernata tkun proċessur, b'mod partikolari kif tkun marbuta bil-klawżoli, liema rekwiżiti se japplikaw għaliha, u jekk il-partijiet jistgħux iżidu modulu ieħor (jiġifieri t-Tieni Modulu) li jkun rilevanti għal dik is-sitwazzjoni. Dan il-punt jirrikjedi kjarifika fl-Abbozz tal-SCCs biex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni fil-prattika, u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-partijiet. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat li l-parti terza għandha tivvaluta jekk hijiex kapaċi tikkonforma mal-obbligi stabbiliti mill-Abbozz tal-SCCs skont il-liġi tal-pajjiż terz applikabbli għal din il-parti terza u, fejn ikun meħtieġ, li timplimenta miżuri supplimentari biex tiżgura livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak meħtieġ fiż-ŻEE.
55. Barra minn hekk, il-Klawżola 1.7(iii) tispeċifika, fost kundizzjonijiet oħra, li trasferiment ulterjuri jista' jkun permess meta l-importatur tad-*data* u l-parti terza jidħlu fi ftehim li jiżgura "*l-istess livell ta' protezzjoni tad-data*" bħal fl-Abbozz tal-SCCs. Skont l-EDPB u l-EDPS, ir-referenza għall-"*istess livell ta' protezzjoni tad-data*" ma tidhirx suffiċjenti peress li l-ftehim jeħtieġ li jirreplika fis-sustanza l-istess garanziji u obbligi bħal dawk inklużi fl-Abbozz tal-SCCs biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 44 tal-GDPR. Din il-klawżola għandha tiġi emendata kif xieraq, billi jiġi ddikjarat li l-ftehim irid jimponi l-istess obbligi bħal dawk inklużi fl-Abbozz tal-SCCs bejn l-esportatur tad-*data* u l-importatur tad-*data*. Barra minn hekk, f'dan il-każ għandu jidded obbligu speċifiku għall-partijiet li jivvalutaw jekk humiex kapaċi jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti minn tali ftehim skont il-liġi tal-pajjiż terz applikabbli għal din il-parti terza, u, fejn ikun meħtieġ, li jimplimentaw miżuri supplimentari biex jiżguraw livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak meħtieġ fiż-ŻEE.
56. Barra minn hekk, għandu jidded obbligu għall-importatur tad-*data* li jipprovdi lis-suġġetti tad-*data* kopja tas-salvagwardji implimentati għat-trasferiment ulterjuri, fuq talba. Il-forniment ta' kopja ta' tali salvagwardji lis-suġġetti tad-*data* jikkontribwixxi għat-trasparenza li hija meħtieġa fir-rigward tat-trasferiment tad-*data* tagħhom.
57. Fl-aħħar nett, il-Klawżola 1.7(iv) tistabbilixxi li trasferiment ulterjuri jista' jitwettaq meta l-importatur tad-*data* jkun kiseb il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-*data*. Il-possibbiltà li wieħed jibbaża fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data* tikkorrispondi għad-deroga għal sitwazzjonijiet speċifiċi previsti mill-Artikolu 49(1)(a) tal-GDPR. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li n-natura derogatorja u eċċezzjonali ta' din il-possibbiltà jeħtieġ li tiġi ddikjarata fl-Abbozz tal-SCCs, b'mod partikolari meta mqabbla ma' possibbiltajiet oħra għat-tfassil ta' trasferimenti ulterjuri msemmija f'din il-klawżola. Bħala tali, irid jiġi speċifikat li l-kunsens tas-suġġett tad-*data* jista', bħala eċċezzjoni, ifassal it-trasferimenti ulterjuri biss jekk ma jkunux jistgħu jintużaw mekkaniżmi oħra elenkati fil-Klawżola 1.7. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà ta' trasferimenti ulterjuri b'mod partikolari għall-istabbiliment, l-eżerċitar jew id-difiża ta' talbiet legali, u biex tiproteġi l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuni oħra.

4.3.2 Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* – It-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur)

4.3.2.1 Klawżola 1.5 - Limitazzjoni tal-ħżin u tħassir jew ritorn tad-*data*

58. Il-Klawżola 1.5 tal-Abbozz tal-SCCs tistipula li mat-terminazzjoni tal-forniment tas-servizzi tal-ipproċessar, l-importatur tad-*data* għandu jħassar id-*data* personali kollha pproċessata f'isem l-esportatur tad-*data* (għażla 1) jew jibgħat lura lill-esportatur tad-*data* d-*data* personali kollha pproċessata f'ismu, u jħassar il-kopji eżistenti (għażla 2). L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li din il-formulazzjoni tmur kontra l-Artikolu 28(3)(g) tal-GDPR, li jipprevedi li dak it-tħassir jew ir-ritorn għandu jsir "*skont l-għażla tal-kontrollur*". Għaldaqstant, il-Klawżola 1.5 għandha tipprevedi li dak it-tħassir jew ir-ritorn ta' *data* personali jsir skont l-għażla tal-esportatur tad-*data* li jaġixxi bħala kontrollur biex tiġi evitata kwalunkwe ambigwiżà li tali għażla mhijiex f'idejn l-importatur tad-*data* li jaġixxi bħala proċessur.
59. Barra minn hekk, din il-klawżola tipprevedi li f'każ li l-importatur tad-*data* ma jkunx ħassar jew irritorna d-*data* lill-esportatur tad-*data* minħabba r-rekwiżiti lokali applikabbli għall-importatur tad-*data*, dan jiggarrantixxi l-livell ta' protezzjoni meħtieġ mill-Abbozz tal-SCCs "*sa fejn ikun possibbli*". L-EDPB u l-EDPS iqisu li jekk id-*data* għandha tinżamm mill-importatur tad-*data*, il-protezzjoni pprovduta mill-Abbozz tal-SCCs jeħtieġ li tiġi żgurata bis-sħiħ u mingħajr eċċezzjonijiet, sabiex tippermetti l-kontinwiżà tal-protezzjoni. B'konsegwenza ta' dan, it-termini "*sa fejn ikun possibbli*" għandhom jitħassru minn din il-klawżola.
60. Barra minn hekk, il-Klawżola 1.5 tistabbilixxi li l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jirritorna jew iħassar id-*data* personali huwa minkejja kwalunkwe rekwiżit "*skont il-liġi lokali*" li jipprojbixxi r-ritorn jew il-qerda. Din il-formulazzjoni tirriżulta f'kontradizzjoni mal-Artikolu 28(3)(g) tal-GDPR. Fl-Abbozz tal-SCCs, il-Kummissjoni għandha tiċċara li huma biss ir-rekwiżiti tal-liġijiet lokali li jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li ma jaqbx dak li huwa meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika biex jiġi ssalvagwardjat wieħed mill-objettivi elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR li għandhom jitqiesu f'din il-klawżola. L-EDPB u l-EDPS iqisu li rekwiżiti legali speċifiċi f'termini ta' perjodi ta' żamma tad-*data* skont il-liġijiet lokali, it-tipi ta' *data*, u l-perjodi ta' żamma għandhom jiġu speċifikati b'mod espliċitu fl-Anness I.B.

4.3.2.2 Klawżola 1.6 - Sigurtà tal-ipproċessar

61. Bl-istess mod bħal fl-Ewwel Modulu, il-Klawżola 1.6(a) tispeċifika li sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data* bħala parti mit-trasferiment, il-partijiet għandhom jikkunsidraw li jużaw "*kriptaġġ matul it-trażmissjoni u l-anonimizzazzjoni jew il-pseudonimizzazzjoni, meta dan ma jipprevjenix l-issodisfar tal-iskop tal-ipproċessar*". Fir-rigward tar-referenza għall-anonimizzazzjoni, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li jekk id-*data* personali tiġi anonimizzata, l-obbligi skont il-GDPR ma jibqgħux applikabbli.
62. Barra minn hekk, il-Klawżola 1.6(d) tipprevedi l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jikkoopera "*in bona fede*" u jassisti lill-esportatur tad-*data* biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-GDPR. It-termini "*in bona fede*" ma jintużawx f'partijiet oħra tal-SCCs fejn jissemma obbligu ta' kooperazzjoni u l-EDPB u l-EDPS ma jarawx il-ħtieġa ta' tali speċifikazzjoni, li, fi kwalunkwe każ, tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar dik il-kwistjoni. Għalhekk, din għandha titħassar.

4.3.2.3 Klawżola 1.8 - Trasferimenti ulterjuri

63. Il-Klawżola 1.8(i) għandha tiġi kkompletata b'obbligu għall-importatur tad-*data* li jipprovdi lill-esportatur tad-*data*, fuq talba, kopja tas-salvagwardji implimentati għall-formulazzjoni ta' trasferimenti ulterjuri lil parti terza. Tali obbligu kien inkluż fl-SCCs tal-2010 fir-rigward tat-trasferiment minn kontrollur lil proċessur. L-EDPB u l-EDPS ma jifhmux x'inhi r-raġuni għaliex dan ġie

eskluż mill-Abbozz tal-SCCs propost, peress li d-dispożizzjoni ta' dawn is-salvagwardji tikkostitwixxi element importanti għall-obbligu tal-esportatur tad-*data* skont il-GDPR li jiżgura l-akkontabilità fir-rigward tat-trasferimenti li jwettaq, inklużi trasferimenti ulterjuri.

64. Għandu jiddied ukoll obbligu għall-importatur tad-*data* biex jipprovdi lis-suġġetti tad-*data* b'kopja ta' dawn is-salvagwardji fuq talba, kif inhu l-każ fl-SCCs tal-2010 fir-rigward tat-trasferiment minn kontrollur lil proċessur. Bħal hawn fuq, l-EDPB u l-EDPS ma jifhmux x'inhi r-raġuni għaliex tali obbligu ġie eskluż mill-Abbozz tal-SCCs propost. L-għoti ta' dawn is-salvagwardji lis-suġġett tad-*data* jikkontribwixxi għat-trasparenza li hija meħtieġa fir-rigward tat-trasferiment tad-*data* tiegħu.

4.3.2.4 Klawżola 1.9 - Dokumentazzjoni u konformità

65. Il-**Klawżola 1.9(d)** tal-Abbozz tal-SCCs tipprevedi l-possibbiltà li l-esportatur tad-*data*, sabiex iwettaq awditi, jibbaża fuq awditi indipendenti maħtur mill-importatur tad-*data*. Din id-dispożizzjoni mhijiex prevista fl-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR, u jeħtieġ li tiġi allinjata ma' dan l-artikolu li jipprevedi li l-proċessur għandu jippermetti awditi u jikkontribwixxi għalihom, inklużi l-ispezzjonijiet, li jitwettqu mill-kontrollur jew minn awditi ieħor maħtur mill-kontrollur²⁹. Bħala tali, il-proċessur jista' jipproponi awditi, iżda d-deċizzjoni dwar l-awditi għandha titħalla f'idejn il-kontrollur skont l-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR. Id-dritt tal-kontrollur li jagħżel l-awditi ma għandux ikun limitat mill-bidu nett. Il-Klawżola 1.9(d) tiddikjara wkoll li meta l-esportatur tad-*data* jaħtar awditi indipendenti, dan għandu jħallas l-ispejjeż, u meta l-importatur tad-*data* jordna li jsir awditi, dan għandu jġarrab l-ispejjeż tal-awditi indipendenti. Peress li l-kwistjoni tal-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn kontrollur u proċessur mhijiex regolata mill-GDPR, konsegwentement, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li kwalunkwe referenza għall-ispejjeż għandha titħassar minn din il-klawżola. L-istess kumment japplika għad-dispożizzjoni korrispondenti fit-Tielet Modulu.

4.3.3 **Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* – It-Tielet Modulu (Trasferiment minn proċessur lil proċessur)**

66. Skont il-Klawżola 1.1, l-importatur tad-*data* huwa obligat li jipproċessa d-*data* personali biss abbażi tal-istruzzjonijiet tal-kontrollur. Minbarra dan, l-Artikolu 28(4) tal-GDPR jirrikjedi li, meta proċessur jinvolvi (sub)proċessur ieħor għat-twettiq ta' attivitajiet ta' pproċessar speċifiċi f'isem il-kontrollur, "*l-istess obbligi ta' protezzjoni tad-*data* kif stabbiliti fil-kuntratt jew f'att legali ieħor bejn il-kontrollur u l-proċessur*" kif imsemmi fl-Artikolu 28(3) tal-GDPR għandhom jiġu imposti fuq dak il-proċessur l-ieħor permezz ta' kuntratt jew att legali ieħor skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li r-rekwiżit tal-Artikolu 28(4) tal-GDPR jeħtieġ li jitqies mill-partijiet anki f'dan ix-xenarju.

²⁹ Peress li dan bħalissa huwa meħtieġ mill-EDPB fil-kuntest tal-BCRs għall-proċessuri, ara t-Taqsima 2.3 tad-WP257 (approvat mill-EDPB), "*Kwalunkwe proċessur jew subproċessur li jipproċessa d-*data* personali f'isem kontrollur partikolari se jaċċetta, fuq talba ta' dak il-kontrollur, li jissottometti l-faċilitajiet tal-ipproċessar tad-*data* tiegħu għall-awditjar tal-attivitajiet tal-ipproċessar relatati ma' dak il-kontrollur li għandhom jitwettqu mill-kontrollur jew minn korp ta' spezzjoni magħmul minn membri indipendenti u li għandu l-kwalifiki professjonali meħtieġa, marbut bid-dmir ta' kunfidenzjalità, magħżul mill-kontrollur tad-*data*, fejn ikun applikabbli, bi qbil mal-Awtorità Superviżorja.*";

https://ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc_id=49726
https://ec.europa.eu/newsroom/article29/document.cfm?action=display&doc_id=49726

4.3.3.1 Klawżola 1.1 - Struzzjonijiet

67. It-Tielet Modulu jindirizza t-trasferimenti minn proċessur lil proċessur. Għaldaqstant, il-prattikanti jistgħu inizjalment jassumu li l-kuntratt skont l-Artikolu 46 tal-GDPR jista' jiġi konkluż b'mod esklussiv bejn il-proċessur u s-(sub)proċessur tiegħu jekk jiġi invokat biss it-Tielet Modulu. Madankollu, il-Klawżola 1.1(a) tirreferi għall-Anness I.A. u l-lista ta' "*partijiet*" li tinkludi d-dettalji tal-identità u tal-kuntatt tal-kontrollur u l-firma tiegħu. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-Kummissjoni jeħtieġ li tiċċara jekk il-kontrollur għandux jiffirma dawn il-klawżoli, jew jekk il-proċessur u s-subproċessur għandhomx bżonn isemmu biss l-identità tal-kontrollur fl-Anness. Fl-ewwel każ, għandu jiġi ċċarat għal liema effett u liema obbligi tat-Tielet Modulu japplikaw għall-kontrollur.
68. Barra minn hekk, il-Klawżola 1.1 tistipula li l-esportatur tad-*data* jista' jagħti struzzjonijiet ulterjuri dwar l-ipproċessar tad-*data* "*fil-qafas tal-kuntratt miftiehem mal-importatur tad-*data* matul it-tul tal-kuntratt*". Mhuwiex ċar jekk ir-referenza għall-qafas tal-kuntratt tillimitax b'xi mod id-dritt tal-kontrollur li jagħti aktar struzzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-*data*, aktar u aktar peress li l-Klawżola 7 tal-Abbozz tal-Artikolu 28 tal-SCCs ma tinkludix tali limitazzjoni possibbli. Il-Klawżola 7 tiddikjara sempliċement li "*L-istruzzjonijiet sussegwenti jistgħu jingħataw ukoll mill-kontrollur tad-*data* matul id-durata tal-ipproċessar tad-*data* personali*".

4.3.3.2 Klawżola 1.5 - Limitazzjoni tal-ħżin u t-tħassir jew ir-ritorn tad-*data*

69. Il-Klawżola 1.5 tistipula li mat-terminazzjoni tal-forniment tas-servizzi tal-ipproċessar, l-importatur tad-*data* għandu jħassar id-*data* personali kollha pproċessata f'isem il-kontrollur (għażla 1) jew jibgħat lura lill-esportatur tad-*data* d-*data* personali kollha pproċessata f'ismu u jħassar il-kopji eżistenti (għażla 2). L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li din il-formulazzjoni tmur kontra l-Artikolu 28(3)(g) tal-GDPR, li jipprevedi li dak it-tħassir jew ir-ritorn għandu jsir "*skont l-għażla tal-kontrollur*". Għaldaqstant, il-Klawżola 1.5 għandha tipprevedi li dak it-tħassir jew ir-ritorn ta' *data* personali jsir skont l-għażla tal-kontrollur. Barra minn hekk, mal-għażla 2 għandu jiżded li l-importatur tad-*data* għandu jintalab jiċċertifika lill-esportatur tad-*data* li huwa jkun ħassar il-kopji eżistenti.
70. Minbarra dan, il-Klawżola 1.5 tistabbilixxi li l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jirritorna jew iħassar id-*data* personali huwa minkejja kwalunkwe rekwiżit "*skont il-liġi lokali*" li jipprojbixxi r-ritorn jew il-qerda. Din il-formulazzjoni tirriżulta f'kontradizzjoni mal-Artikolu 28(3)(g) tal-GDPR. Filwaqt li jitqies li l-proċessur huwa soġġett għal-liġijiet ta' pajjiżi terzi, u għalhekk jista' jkun soġġett għal obbligu legali għall-ħżin (ulterjuri) tad-*data* (eż. għal finijiet ta' kontabbiltà), l-EDPB u l-EDPS iqisu li, fl-Abbozz tal-SCCs, il-Kummissjoni għandha tiċċara li huma biss ir-rekwiżiti tal-liġijiet lokali li jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika biex jiġi ssalvagwardjat wieħed mill-obbjettivi elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR li għandhom jitqiesu skont din il-klawżola. Bħal fit-Tieni Modulu, l-EDPB u l-EDPS iqisu li rekwiżiti legali speċifiċi f'termini ta' perjodi ta' żamma tad-*data* skont il-liġijiet lokali, it-tipi ta' *data*, u l-perjodi ta' żamma għandhom jiġu speċifikati b'mod espliċitu fl-Anness I.B.

Barra minn hekk, it-terminu "*sa fejn ikun possibbli*" għandu jitħassar. Sabiex tiġi evitata ripetizzjoni, l-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-Kummissjoni tirreferi għat-Taqsima 4.3.2.1.

4.3.3.3 Klawżola 1.5 - Sigurtà tal-ipproċessar u Klawżola 1.6 - Kategoriji speċjali ta' *data* personali

71. Biex tiġi evitata ripetizzjoni, l-EDPB u l-EDPS jistiednu lill-Kummissjoni tirreferi għall-kummenti tagħhom li saru fit-Taqsima 4.3.2.2.

4.3.4 Klawżola 1 - Salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* – Ir-Raba’ Modulu (Trasferiment minn proċessur lil kontrollur)

72. L-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li l-kamp ta’ applikazzjoni tar-Raba’ Modulu jinkludi biss trasferimenti minn proċessur soġġett għall-GDPR lill-kontrollur tiegħu stess mhux soġġett għall-GDPR, u jeskludi trasferimenti minn tali proċessur lil kwalunkwe kontrollur ieħor, kif inhu ċċarat fl-Artikolu 1.1 u fil-Premessa 16 tal-Abbozz tad-Deċiżjoni. Madankollu, biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta’ ftehim dwar il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-modulu, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw spjegazzjoni qasira tal-kamp ta’ applikazzjoni limitat tar-Raba’ Modulu fl-Abbozz tal-SCC innifsu.
73. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu kwalunkwe spjegazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni Ewropea tista’ żżid fl-Abbozz tad-Deċiżjoni rigward ir-Raba’ Modulu, sabiex jinftiehem aħjar ir-raġunament użat biex jiġi ddeterminat liema impenji għandhom jittieħdu mill-partijiet li jużaw ir-Raba’ Modulu.
74. Sabiex jiġu previsti d-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa tal-Artikolu 28 tal-GDPR direttament applikabbli għall-proċessur, ir-Raba’ Modulu għandu jiġi kkompletat kif ġej:
 75. Għandu jkun hemm impenn mill-proċessur li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom għall-kunfidenzjalità jew ikunu taħt obbligu statutorju xieraq ta’ kunfidenzjalità (l-Artikolu 28(3)(b) tal-GDPR).
 76. Għandha tizzied ukoll ma’ dan il-Modulu tal-SCCs klawżola dwar l-obbligi ta’ notifikazzjoni ta’ ksur ta’ *data* personali imposti fuq il-proċessur skont l-Artikolu 33(2) tal-GDPR.
 77. Barra minn hekk, il-Modulu għandu jiġi kkompletat bi klawżola dwar is-subproċessar mill-proċessur/esportatur tad-*data* peress li dan huwa obbligu dirett għall-proċessur skont l-Artikolu 28(3) u (4) tal-GDPR.
 78. Barra minn hekk, il-partijiet iridu jimpenjaw ruħhom għal assistenza u appoġġ reċiproċi. Minbarra l-obbligu diġà stabbilit fil-Klawżola 5 tar-Raba’ Modulu, dan jikkonċerna wkoll l-obbligu tal-proċessur li jinforma lill-kontrollur dwar ksur ta’ *data* personali (l-Artikolu 33(2) tal-GDPR), li għandu jiġi inkluż b’mod espliċitu fil-ftehim.

4.3.5 Kummenti orizzontali - Klawżola 2 (Liġijiet lokali li jaffettwaw il-konformità mal-Klawżoli) u l-Klawżola 3 (Obbligi tal-importatur tad-*data* f’każ ta’ talbiet għal aċċess mill-gvern)

4.3.5.1 Eżenzjoni parzjali tal-applikazzjoni għar-Raba’ Modulu

79. Rigward il-fatt li l-Klawżoli 2 u 3 se japplikaw għar-Raba’ Modulu “biss jekk il-proċessur tal-UE iqāhaqqad id-*data* personali riċevuta mill-kontrollur ta’ pajjiż terz mad-*data* personali miġbura mill-proċessur fl-UE”, l-EDPB u l-EDPS jisħqu li l-Artikolu 3(1) tal-GDPR ma jiddikjarax li d-*data* personali pproċessata mill-proċessur fl-UE għandha (ukoll) tinġabar fl-UE sabiex l-obbligi tal-proċessur jiġu applikati għaliha. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni tiċċara r-raġunijiet għaliex iddaħħlet din l-eżenzjoni, u tivvaluta aktar jekk din l-eżenzjoni hijiex iġġustifikata.
80. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni tiċċara l-kunċett ta’ “*kombinazzjoni*” tad-*data* personali riċevuta mill-kontrollur ta’ pajjiż terz ma’ *data* personali miġbura mill-proċessur fl-UE, u s-sitwazzjonijiet fejn se sseħħ din il-kombinazzjoni, peress li tali kunċett ta’ kombinazzjoni ta’ *data* mhux previst fil-GDPR.

4.3.5.2 Sitwazzjonijiet koperti mill-Klawżoli 2 u 3

81. Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet koperti fil-Klawżoli 2 u 3, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi ċċarat. Fil-fatt, mhuwiex ċar għalkollox jekk dawn il-klawżoli jkopru sitwazzjonijiet fejn, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni fil-pajjiż terz li taffettwa l-konformità mal-impenji tal-importatur tad-*data*, il-prattiki li jaffettwaw tali konformità xorta għandhom jitqiesu u jiġu vvalutati, jew anki jekk il-klawżoli jkopru Prattiki diverġenti minn dak li jipprevedi l-qafas legali tal-pajjiż terz. Pereżempju, fir-rigward tal-aċċess għad-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi fil-pajjiż terz, anki jekk mhux previst mill-qafas legali applikabbli, tali aċċess jista' jseħħ fil-prattika, jew l-awtoritajiet jistgħu jaċċessaw id-*data* mingħajr ma jikkonformaw mal-qafas legali. Sabiex dawn is-sitwazzjonijiet jitqiesu b'mod espliċitu, it-titoli ta' dawn il-klawżoli għandhom jiġu emendati kif xieraq (b'mod partikolari t-titolu tal-Klawżola 2, li jirreferi biss għal-liġijiet, għandu jiġi kkompletat), u l-formulazzjoni tal-klawżoli għandha tiġi ċċarata biex tinkludi b'mod aktar espliċitu dawn is-sitwazzjonijiet.
82. B'mod partikolari, il-Klawżola 2(a) ma tidhirx li timponi xi obbligu speċifiku fil-każ fejn ma jkun hemm l-ebda liġi relatata mal-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-*data* personali. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar il-miżuri supplimentari jipprevedu li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni disponibbli għall-pubbliku, l-esportatur tad-*data* xorta għandu jeżamina fatturi rilevanti u oġġettivi oħra. Ir-raġunament wara din ir-rakkomandazzjoni huwa li ma jistax jiġi raġonevolment dedott min-nuqqas ta' liġi dwar l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-*data* personali li l-ebda aċċess ma jseħħ fil-prattika.
83. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li l-Klawżoli 2 u 3 jiġu kkomplementati biex jipprovdu salvagwardji anki f'sitwazzjonijiet fejn il-pajjiż terz ma jkollux leġiżlazzjoni, iżda fejn tali Prattiki, li mbagħad imorru kontra r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, ikunu jeżistu jew fejn il-prattika tkun differenti mid-dispożizzjonijiet tal-qafas legali. B'mod partikolari, fl-Abbozz tal-SCCs għandu għalhekk jiġi ċċarat li, fin-nuqqas ta' liġijiet fil-pajjiż terz relatati mal-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-*data* personali, il-partijiet għandhom madankollu, abbażi ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli, jistinkaw biex jidentifikaw kwalunkwe Prattika applikabbli għad-*data* ttrasferita li tipprevjeni lill-importatur tad-*data* milli jissodisfa l-obbligi tiegħu.

4.3.5.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżoli 2 u 3

84. Fir-rigward ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżoli, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li xi elementi bħar-referenza għan-*"nuqqas ta' talbiet għal divulgazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi riċevuti mill-importatur tad-*data*"* jew għall-*"esperjenza Prattika rilevanti"* f'dan ir-rigward fil-Klawżola 2(b), kif ukoll l-użu tal-preżent fil-Klawżola 2(e) dwar il-mument li fih l-importatur tad-*data* *"huwa jew sar soġġett għal liġijiet li mhumix konformi mar-rekwiżiti skont il-paragrafu a)"* tal-Klawżola 2, huma sors ta' ambigwiżità. Tabilħaqq, dawn l-elementi jistgħu jagħtu l-impressjoni li anki meta l-valutazzjoni minn qabel tal-qafas legali tal-pajjiż terz tal-importatur tkun wasslet għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz mhijiex konformi mar-rekwiżiti tal-UE f'termini tal-livell ta' protezzjoni mogħti lid-*data* personali u li ma tista' tiġi stabbilita l-ebda miżura supplimentari effettiva, it-trasferimenti xorta jistgħu jsiru. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jirrakkomandaw li jiġi ċċarat li dawn il-klawżoli se japplikaw biss għal sitwazzjonijiet fejn, fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt, jew il-liġi(jiet) rilevanti tal-pajjiż terz ikunu ġew i-valutati li qed jipprovdu livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-UE, jew ikunu ġew stabbiliti miżuri supplimentari effettivi biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet potenzjali identifikati f'tali leġiżlazzjoni u/jew Prattiki u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tas-salvagwardji li jinsabu fl-Abbozz tal-SCCs sabiex l-importatur tad-*data* jkun jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu, jew fejn il-pajjiż terz ma jkollu l-ebda liġi fil-qasam rilevanti għad-*data* ttrasferita.
85. Fi kliem ieħor, il-mekkaniżmi previsti f'dawn il-klawżoli jiġu skattati biss f'każijiet fejn, jew:

- Il-pajjiż terz ma jkollu l-ebda leġiżlazzjoni, iżda tiġi żvelata prattika li ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-UE;
- Ikun hemm bidla fil-liġi fil-pajjiż terz, u bħala konsegwenza ta' din il-bidla, il-qafas legali tal-pajjiż terz tal-importatur ma jibqax jipprovdi livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni tad-*data*, li għalhekk ikun jirrikjedi sospensjoni tat-trasferimenti li jsiru abbażi tal-SCCs; jew
- L-implimentazzjoni tal-liġi tvarja fil-prattika u tibqax tipprovdi livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-UE.

4.3.6 Klawżola 2 – Liġijiet lokali li jaffettwaw il-konformità mal-klawżoli

4.3.6.1 Valutazzjoni oġġettiva tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz

86. L-EDPB u l-EDPS jisħqu li l-valutazzjoni ta' jekk hemmx xi ħaġa fil-liġi jew fil-prattika tal-pajjiż terz tad-destinazzjoni, li tippreveni lill-importatur tad-*data* milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Abbozz tal-SCCs fil-kuntest tat-trasferiment speċifiku, għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi, irrISPettivament mill-probabbiltà ta' aċċess għad-*data* personali. Kif issottolinjat fir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari (b'mod partikolari l-paragrafi 33 u 42³⁰), din il-valutazzjoni tiddependi miċ-ċirkostanzi tat-trasferiment u b'mod partikolari mill-fatturi oġġettivi li ġejjin:
- Skopijiet li għalihom id-*data* tiġi ttrasferita u pproċessata (eż. kummerċjalizzazzjoni, HR, ħżin, appoġġ tal-IT, provi kliniċi);
 - Tipi ta' entitajiet involuti fl-ipproċessar (pubbliku/privat; kontrollur/proċessur);
 - Is-settur li fih iseħħ it-trasferiment (eż. it-teknoloġija avvanzata, it-telekomunikazzjoni, finanzjarja, eċċ.);
 - Kategoriji ta' *data* personali ttrasferita (eż. *data* personali relatata mat-tfal tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika fil-pajjiż terz);
 - Jekk id-*data* tkunx se tinħażen fil-pajjiż terz jew jekk ikunx hemm biss aċċess remot għad-*data* maħżuna fl-UE/fiż-ŻEE;
 - Format tad-*data* li għandha tiġi ttrasferita (jiġifieri f'test sempliċi/ psewdonimizzata jew kriptata);
 - Possibbiltà li d-*data* tista' tkun soġġetta għal trasferimenti ulterjuri mill-pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor.
87. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS ifakkru wkoll li fis-sentenza Schrems II, il-QĠUEma rreferiet għall-ebda fattur suġġettiv, pereżempju bħall-probabbiltà ta' aċċess. Is-sempliċi fatt li d-*data* hija inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz li tippermetti aċċess għal *data* minn awtoritajiet pubbliċi mingħajr garanziji essenzjali speċifiċi (kif imfakkar fir-Rakkomandazzjonijiet 02/2020 tal-EDPB dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza³¹) iwassal, *per se*, biex jitqies li tali aċċess jista' jseħħ, mingħajr il-ħtieġa li wieħed jibbaża fuq xi esperjenza prattika f'dan ir-rigward jew

³⁰ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/consultation/edpb_recommendations_202001_supplementarymeasures_transfer_tools_mt.pdf.

³¹ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb_recommendations_202002_european_essential_guarantees_surveillance_mt.pdf.

in-nuqqas ta' talbiet għal divulgazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi riċevuti mill-importatur tad-*data*. L-abbozzar attwali tal-Klawżola 2(b)(i) jista' għalhekk jinftiehem ħażin peress li jista' jinqara bħala li jippermetti li d-*data* tiġi esportata jekk l-importatur tad-*data* jkun għadu ma rċieva l-ebda ordni biex jiżvela *data* personali, anki jekk tkun soġġetta għal liġijiet lokali li jippermettu tali ordnijiet. Jista' jinftiehem ukoll li jippermetti t-tkomplija tat-trasferiment fejn l-importatur tad-*data* sempliċement ma jkunx permess li jinforma lill-esportatur tad-*data* f'dan ir-rigward minħabba ordni gag. Barra minn hekk, il-valutazzjoni ta' dawn it-tipi ta' fatturi suġġettivi (probabbiltà ta' aċċess) fil-prattika tkun diffiċli ħafna u bilkemm tista' tiġi vverifikata.

88. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw:

- It-tħassir tar-referenza għall-*"kontenut u t-tul tal-kuntratt"*; *"l-iskala u r-regolarità tat-trasferimenti"*; *"in-numru ta' atturi involuti u l-kanali ta' trażmissjoni użati"*; *"kwalunkwe esperjenza Prattika rilevanti b'każijiet preċedenti, jew in-nuqqas ta' talbiet għal divulgazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi riċevuti mill-importatur tad-*data*"*;
- L-iżgurar ta' konsistenza sħiħa bejn il-Klawżola 2(b)(i) u r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari;
- Il-Klawżola Emendatorja 2(b)(ii) kif xieraq.

4.3.6.2 Anness ġdid li għandu jiżdied mal-Abbozz tal-SCCs

89. Sabiex jiġi evitat li l-partijiet jaqblu biss li jiddokumentaw il-valutazzjoni msemmija hawn fuq mingħajr ma jagħmlu dan fil-prattika, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiżdied anness mal-Abbozz tal-SCCs biex il-partijiet jintalbu jiddokumentaw din il-valutazzjoni mmexxija skont il-Klawżola 2 (jiġifieri, il-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-prattiki tal-pajjiż terz fid-dawl taċ-ċirkostanzi tat-trasferiment) qabel ma jiffirmaw il-kuntratt. Dan jgħin biex jinkiseb li l-Abbozz tal-SCCs jintuża b'mod korrett, peress li anness espliċitu jindika lill-importaturi tad-*data* u lill-esportaturi tad-*data* l-ħtieġa ta' din il-valutazzjoni.

4.3.6.3 Konsultazzjoni TAL-SA dwar miżuri supplimentari

90. Skont il-Klawżola 2(f), l-Abbozz tal-SCCs jipprevedi l-konsultazzjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti ("**SA**"). Kif issottolinjat fir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari, *"meta jkun beħsiebek timplimenta miżuri supplimentari flimkien mal-SCCs, ma hemmx bżonn li titlob awtorizzazzjoni mill-SA kompetenti biex iżjed dawn it-tip ta' klawżoli jew salvagwardji addizzjonali sakemm il-miżuri supplimentari identifikati ma jikkontradixxux, direttament jew indirettament, l-SCCs u huma biżżejjed biex jiżguraw li l-livell ta' protezzjoni ggarantit mill-GDPR ma jiġix imminat."*³²

91. Tabilħaqq, hija r-responsabbiltà tal-esportatur tad-*data*, bl-assistenza tal-importatur tad-*data*, li jidentifika dawk il-miżuri. Dan huwa konformi mal-prinċipju tal-akkontabbiltà tal-Artikolu 5(2) tal-GDPR, li jirrikjedi li l-kontrolluri jkunu responsabbli għall-konformità mal-prinċipji tal-GDPR relatati

³² https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/consultation/edpb_recommendations_202001_supplementarymeasures_transfer_tools_mt.pdf; paragrafu 56

mal-ipproċessar ta' *data* personali u jkunu kapaċi juruha. Dan ġie enfasizzat mill-QĠUE fis-sentenza Schrems II³³ tagħha, u ġie mfakkar fir-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB dwar miżuri supplimentari³⁴.

92. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li ma hemm l-ebda bażi ġuridika espliċita fil-GDPR skont liema l-SAs ikollhom jipprevedu dan it-tip ta' konsultazzjoni.

4.3.6.4 Notifika tal-SAs meta l-esportaturi tad-*data* jkun beħsiebhom ikomplu bit-trasferimenti, anki jekk ma tkun setgħet tinstab l-ebda miżura supplimentari

93. L-EDPB u l-EDPS ifakkru li f'SCCs preċedenti, l-esportatur tad-*data* kellu "*jibgħat*" lill-SA n-notifika mfassla mill-importatur tad-*data* relatata mal-impossibbiltà li l-SCCs jiġu rrispettati, meta "*jiddeċiedi, minkejja dik in-notifika, li jkompli t-trasferiment jew li jneħħi s-sospensjoni*". Dan l-impenn, skrutinizzat mill-QĠUE fis-sentenza Schrems II, punt 145, għandu jinżamm fl-Abbozz tal-SCCs.
94. F'konformità mad-dispożizzjonijiet inklużi fl-SCCs tal-2010³⁵, kif skrutinizzati mill-QĠUE, notifika għandha tiġi prevista biss jekk l-esportatur tad-*data* jkun beħsiebu jkompli t-trasferiment fin-nuqqas ta' miżuri supplimentari effettivi. Dan il-każ għadu ma ġiex rifless fl-Abbozz tal-SCCs, filwaqt li tabilħaqq hija s-sitwazzjoni li SA jista' jkollha rwol x'tiżvolġi, u tista' tintervjeni bis-setgħat tagħha biex tissospendi jew tipprojbixxi t-trasferimenti tad-*data* f'dawk il-każijiet fejn issib li livell ta' protezzjoni essenzjalment ekwivalenti ma jistax jiġi żgurat f'konformità mad-deċiżjoni Schrems II³⁶.
95. Barra minn hekk, l-abbozzar tal-Klawżola 2(f) għandu jagħmilha ċara li tali notifika bl-ebda mod ma tikkostitwixxi awtorizzazzjoni biex jitkompla t-trasferiment fin-nuqqas ta' miżuri supplimentari xierqa abbażi tal-Abbozz tal-SCCs. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jitolbu lill-Kummissjoni tiċċara dan il-punt.

4.3.7 **Klawżola 3 – Obbligi tal-importatur tad-*data* fil-każ ta' talbiet għal aċċess mill-gvern**

96. L-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li jiġi ċċarat li t-talbiet għal aċċess mill-qrati u minn awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiż terz jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Dan jista' pereżempju jinkiseb b'modifika tat-titolu ta' din il-klawżola.

4.3.7.1 Klawżola 3.1 – Notifika

97. Skont il-Klawżola 3.1, l-EDPB u l-EDPS jissottolinjaw li għandu jiġi ċċarat li n-notifika prevista mill-importatur tad-*data* ssir qabel ma jkun wieġeb għat-talba ta' aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż terz, sabiex l-esportatur tad-*data* jkun jista' jieħu kwalunkwe pass ulterjuri xieraq, jekk ikun meħtieġ.

4.3.7.2 Klawżola 3.2 – Rieżami tal-legalità u l-minimizzazzjoni tad-*data*

98. L-EDPB u l-EDPS jifhmu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Klawżola 3.2 huwa limitat għal sitwazzjonijiet fejn it-talbiet għal aċċess li jirċievi l-importatur tad-*data* ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż

³³ Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020; Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* vs Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems; Kawża C-311/18; punt 134.

³⁴ https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/consultation/edpb_recommendations_202001_supplementarymeasuresrestransferstools_mt.pdf; punt 5.

³⁵ 2010/87/: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2010 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' *data* personali għall-proċessuri stabbiliti f'pajjiżi terzi, taħt id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ĠU L 39, 12.2.2010, p. 5-18; Anness - Klawżola 4(g).

³⁶ Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020; Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* vs Facebook Ireland Limited u Maximilian Schrems; Kawża C-311/18; punti 113 u 121.

terz, inklużi l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mil-liġi internazzjonali u r-regoli tiegħu li jirregolaw sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' liġijiet. B'konsegwenza ta' dan, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw li din il-klawżola tiġi ċċarata sabiex jiġi żgurat li l-esportaturi tad-*data* ma jifhmuhiex ħażin. Din il-klawżola hija maħsuba biss biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz li diġà tikkonforma mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni tiġi applikata b'mod korrett f'dak il-pajjiż terz. Għalhekk, din il-klawżola, *per se*, mhijiex se tirriżulta f'kontestazzjoni tal-legalità tat-talbiet ta' divulgazzjoni kontra r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, sakemm il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz ma tippredix b'mod espliċitu l-possibbiltà li tiġi invokata l-leġiżlazzjoni ta' pajjiż ieħor.

4.3.8 Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad-*data* - L-Ewwel Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil kontrollur)

) Klawżola 5(a)

99. Skont dan is-subparagrafu, l-importatur tad-*data* huwa responsabbli biex jindirizza t-talbiet tas-suġġetti tad-*data* biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Fil-prattika teżisti l-possibbiltà li jinqalgħu diffikultajiet, minħabba li l-importatur tad-*data* ma jkunx fl-UE. Għal dik ir-raġuni, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li din il-klawżola għandha tkun allinjata aktar mill-qrib mar-rekwiżiti attwali skont l-SCCs tal-2004, jiġifieri, l-esportatur tad-*data* huwa inkarigat li jwieġeb għall-mistoqsijiet tas-suġġetti tad-*data*, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor³⁷. Barra minn hekk, il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jassistu u jikkooperaw ma' xulxin meta jindirizzaw it-talbiet tas-suġġetti tad-*data*.
100. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-obbligu impost fuq l-importatur tad-*data* biex jipprovdi informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* fuq talba għandu jiġi introdott b'mod ċar fl-Abbozz tal-SCCs, u jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 15 tal-GDPR.

) Klawżola 5(b)

101. Fl-opinjoni tal-EDPB u tal-EDPS, is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw, fuq talba, aktar informazzjoni minn dawk attwalment elenkati fil-Klawżola 5(b)(i), u b'mod aktar preċiż għal:
- Informazzjoni aktar preċiża fir-rigward tat-trasferimenti ulterjuri, inkluż għas-subproċessuri, jiġifieri, l-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt tar-riċevituri kollha tad-*data* relatata magħhom³⁸. Dan jista' jinkiseb billi l-partijiet jintalbu jipprovdu tali informazzjoni fl-Anness III tal-Abbozz tal-SCCs, jew billi jintalbu jipprovduhom lis-suġġetti tad-*data* fuq talba;
 - F'konformità mal-Artikolu 15(1)(d) tal-GDPR, informazzjoni preċiża dwar il-perjodu previst li għalih se tinħażen id-*data* personali, fejn possibbli, jew jekk le, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perjodu. Dan jista' jinkiseb billi l-partijiet jintalbu jipprovdu tali informazzjoni fl-Anness I tal-Abbozz tal-SCCs. L-għoti ta' tali informazzjoni fl-Anness I jista' jagħmilha ċara wkoll għall-partijiet li jeħtieġ li fil-fatt jiddefinixxu u jimplementaw il-perjodi ta' żamma; u
 - F'konformità mal-Artikolu 15(1)(g) tal-GDPR, kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar is-sors tal-ġbir, meta d-*data* personali ma tinġabarx direttament mis-suġġetti tad-*data*.

³⁷ Ara l-klawżola 1(d) u l-klawżola II(e) fl-SCCs tal-2004.

³⁸ Ara l-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Mejju 2009; QĠUE College van burgemeester en wethouders van Rotterdam vs M.E.E Rijkeboer C-553/07; punti 49 u 54.

102. L-Ewwel Modulu għandu jinkludi l-obbligu tal-importatur tad-*data* li jinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar id-drittijiet tagħhom li jitolbu rettifika jew tħassir tad-*data* personali tagħhom, kif ukoll id-drittijiet tagħhom li jitolbu restrizzjoni jew li joġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, li jġib din il-klawżola f'konformità mal-Artikolu 15(1)(e) tal-GDPR. Tali informazzjoni tiġi b'mod addizzjonali mal-informazzjoni dwar id-dritt li jitressaq ilment mal-SA kompetenti, kif inhu attwalment inkluż skont il-Klawżola 5(b)(i). B'mod aktar ġenerali, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni ddaħħal l-obbligu għall-importatur tad-*data* li jippermetti lis-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu r-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom.

103. Fir-rigward tal-Klawżola 5(b)(iii) dwar it-tħassir tad-*data* personali tas-suġġetti tad-*data*, l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li tali impenn għandu jirrifletti kompletament ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 17(1) tal-GDPR.

) **Klawżola 5(c)**

104. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li mhuwiex iġġustifikat li jiġi limitat id-dritt li wieħed joġġezzjona għal każijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta u li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal oġġezzjoni għandu jiġi estiż, speċjalment f'każijiet fejn id-dritt ta' oġġezzjoni huwa l-ewwel nett infurzabbli kontra l-esportatur tad-*data*.

) **Klawżola 5(d)**

105. L-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-formulazzjoni tal-Klawżola 5(d) għandha tiġi riveduta sabiex tirrifletti l-projbizzjoni tal-Artikolu 22 tal-GDPR tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati bħala prinċipju, u għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jippermettu derogi għal tali projbizzjoni. Il-Klawżola 5(d) għandha tiċċara wkoll li l-obbligi tal-importatur tad-*data* li jimplementa salvagwardji xierqa u jipprovdi informazzjoni dwar id-deċiżjoni awtomatizzata prevista għas-suġġetti tad-*data* huma kumulattivi.

106. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 15(1)(h) tal-GDPR, il-klawżola 5(d) għandha tirrikjedi li l-informazzjoni pprovduta lis-suġġetti tad-*data* tinkludi s-sinifikat u l-konsegwenzi previsti għas-suġġetti tad-*data*.

) **Klawżola 5(f)**

107. Filwaqt li l-EDPB u l-EDPS jirrikonoxxu li jista' jkun hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-possibbiltà li l-importatur tad-*data* jirrifjuta talba ta' suġġett tad-*data*, fl-Abbozz tal-SCCs għandu jiġi ċċarat li huma biss ir-rekwiżiti tal-liġijiet lokali li jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika biex jiġi ssalvagwardjat wieħed mill-oġġettivi elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR li għandhom jitqiesu skont din il-Klawżola.

) **Klawżola 5(g)**

108. Sabiex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-siħ id-drittijiet tagħhom, l-EDPB u l-EDPS iqisu li l-obbligu li s-suġġetti tad-*data* jiġu informati li l-importatur tad-*data* beħsiebu jirrifjuta t-talbiet tagħhom għandu jiġi allinjat mal-Artikolu 12(4) tal-GDPR, u għalhekk għandhom jiġu pprovduti mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn xahar minn meta tasal it-talba.

4.3.9 Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad-*data* - it-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur) u t-Tielet Modulu (trasferiment minn proċessur lil proċessur)

109. Il-Klawżola 5 fit-Tieni Modulu u l-Klawżola 5 fit-Tielet Modulu jinkludu l-istess rekwiżiti, u għalhekk huma indirizzati flimkien f'din l-Opinjoni Konġunta.

110. L-EDPB u l-EDPS jikkondividu l-opinjoni li l-Klawżola 5(a) għandha:

- Tispeċifika wkoll li t-tweġibiet għas-suġġetti tad-*data* għandhom isiru f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur (eż. dwar il-kontenut tar-rispons) kif stabbilit fl-anness tal-Abbozz tal-SCCs.
- Tispeċifika wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-importatur tad-*data* relatat mal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* f'isem il-kontrollur għandu jiġi deskritt u stabbilit b'mod ċar fl-Annex tal-Abbozz tal-SCCs.

4.3.10 Klawżola 5 - Drittijiet tas-suġġetti tad-*data* - Ir-Raba' Modulu (Trasferiment minn proċessur lil kontrollur)

111. L-EDPB u l-EDPS japprezzaw li jkun hemm kjarifika mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-konsegwenzi prattiċi possibbli li jirriżultaw mill-impenn li sar mill-partijiet biex jgħinu lil xulxin fl-immaniġġjar tat-talbiet tas-suġġetti tad-*data* magħmula abbażi tal-liġi applikabbli tal-importatur tad-*data*.
112. L-EDPB u l-EDPS japprezzaw li jkun hemm aktar ċarezza dwar is-sitwazzjonijiet li għandu l-għan li jkopri l-impenn li hađu l-partijiet biex jgħinu lil xulxin fl-immaniġġjar tas-suġġetti tad-*data*.
113. Barra minn hekk, mhuwiex ċar xi jrid jtifisser fil-Klawżola 5, fejn issir referenza għall-assistenza "*għall-ipproċessar tad-*data* mill-esportatur tad-*data* fl-UE, skont il-GDPR*". Jekk, pereżempju, l-intenzjoni hi li tiġi koperta l-assistenza fir-rigward tal-obbligi ta' sigurtà, dan għandu jiġi ċċarat mill-Kummissjoni fl-Abbozz tal-SCCs.

4.3.11 Klawżola 6 - Rimedju

114. L-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifika fl-Abbozz tal-SCCs dwar jekk l-għażla li s-suġġetti tad-*data* jiġu offruti l-possibbiltà li jfittxu rimedju quddiem korp indipendenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, mingħajr l-ebda spiża, għandhiex tiġi pprovduta fis-settijiet kollha ta' klawżoli. Filwaqt li jkun ċar li din l-għażla tista' tgħin biex jiġi żgurat infurzar effettiv f'każ ta' trasferiment minn kontrollur lil kontrollur, l-EDPB u l-EDPS jilqgħu kjarifika ulterjuri dwar kif dan il-mekkaniżmu se japplika fit-Tieni Modulu, it-Tielet Modulu u r-Raba' Modulu. Pereżempju, għandu jiġi ċċarat sa liema punt dan il-mekkaniżmu japplika fir-rigward tal-obbligi speċifiċi u diretti tal-proċessur u tal-kontrollur fir-Raba' Modulu.
115. Fir-rigward tal-klawżoli dwar ir-rimedju previsti fl-Ewwel Modulu, fit-Tieni Modulu u fit-Tielet Modulu (il-Klawżola 6(b)), l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li għandu jiġi ċċarat li l-importatur tad-*data* għandu jaċċetta d-dritt tas-suġġett tad-*data* (li jinvoka d-drittijiet tiegħu bħala beneficijarju terz) li jippreżenta direttament ilment quddiem SA taż-ŻEE u/jew jippreżenta talba quddiem qorti taż-ŻEE mingħajr il-ħtieġa li jfittex soluzzjoni amikevoli għat-tilwima qabel dan. Fil-fatt, sabiex jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni previst mill-Artikoli 77 u 79 tal-GDPR, dan it-tip ta' mekkaniżmi (eż. mekkaniżmi interni għall-immaniġġjar tal-ilmenti stabbiliti mill-importatur tad-*data*) għandhom jiġu inkoraġġiti sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tal-parti terza beneficijarja, iżda dawn m'għandhomx jitqiesu bħala prerekwiżit biex jitressaq ilment quddiem l-SA jew qorti.
116. Barra minn hekk, l-Artikolu 77(1) tal-GDPR jipprevedi li s-suġġetti tad-*data* għandhom ikunu jistgħu jagħżlu li jressqu talba quddiem l-SA tar-residenza abitwali, il-post tax-xogħol tagħhom, jew l-allegat post tal-ksur. Minn din il-perspettiva, l-EDPB u l-EDPS iqisu li huwa importanti li l-Klawżola 6(b)(i) tiġi emendata kif xieraq – peress li l-Abbozz tal-SCCs jidher li jirreferi biss għall-SA bir-responsabbiltà li tiżgura l-konformità mill-esportatur tad-*data* mal-GDPR fir-rigward tat-trasferiment tad-*data*.
117. L-EDPB u l-EDPS jitolbu kjarifiki fir-rigward tan-nuqqas ta' klawżola ta' rimedju fir-Raba' Modulu. Filwaqt li jitqiesu l-impenji li bħalissa jinsabu fil-Klawżola 5 tar-Raba' Modulu fir-rigward tal-"*ipproċessar tad-*data* mill-esportatur tad-*data* fl-UE, skont il-GDPR*", l-EDPB u l-EDPS qed jistaqsu kif id-dritt tas-suġġett tad-*data* għal rimedju se jiġi rikonoxxut f'tali każijiet.

4.3.12 Klawżola 7 - Responsabbiltà - L-Ewwel Modulu (Trasferiment kontrollur lil kontrollur) u r-Raba' (Trasferiment proċessur lil kontrollur)

118. Fil-Klawżola 7 tal-Ewwel Modulu u r-Raba' Modulu, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li r-responsabbiltà konġunta u separata fil-konfront tas-suġġett tad-*data* tiġi skattata biss f'każ li jkun hemm responsabbiltà kondiviża. Fi kliem ieħor, ir-reġim tar-responsabbiltà previst fl-Abbozz tal-SCCs ma jipprevedix responsabbiltà sħiħa konġunta u multipla fejn kull parti tkun responsabbli għall-ħsara kkawżata biss mill-parti l-oħra.
119. F'dan il-kuntest, l-EDPB u l-EDPS jixtiequ jfakkru li l-Abbozz tal-SCCs għandu jinkorpora mekkaniżmi effettivi li jagħmluha possibbli, fil-prattika, li tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni³⁹. Madankollu, jista' jkun diffiċli għas-suġġett tad-*data* li jressaq azzjoni kontra kumpanija mhux tal-UE fir-rigward tal-infurzar tas-sentenza kontra dik il-kumpanija mhux tal-UE. Is-settijiet eżistenti tal-SCCs huma aktar protettivi minn dak propost fl-Abbozz tal-SCCs, u l-EDPB u l-EDPS huma tal-fehma li l-protezzjoni tas-suġġetti tad-*data* għandha tissaħħaħ f'dan ir-rigward.
120. F'dan l-isfond, l-EDPB u l-EDPS jitolbu emenda tal-Klawżola 7 f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet li saru hawn fuq.

4.3.13 Klawżola 7 - Responsabbiltà - it-Tieni Modulu (Trasferiment minn kontrollur lil proċessur) u t-Tielet (Trasferiment minn proċessur lil proċessur)

121. Fil-Klawżola 7(c) u 7(d) tat-Tieni u t-Tielet Moduli, huwa previst li s-suġġett tad-*data* għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens, għal kwalunkwe ħsara materjali jew mhux materjali kkawżata mill-importatur tad-*data*, kontra l-importatur tad-*data* (c) jew kontra l-esportatur tad-*data* (d).
122. Sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju, fl-abbozz tal-SCCs il-Kummissjoni għandha tiċċara li dawn il-possibbiltajiet huma kumulattivi u s-suġġett tad-*data* għandu għażla li jirċievi kumpens, għal kwalunkwe dannu materjali jew mhux materjali li kkawża l-importatur tad-*data*, jew kontra l-importatur tad-*data* jew l-esportatur tad-*data*. Fi kliem ieħor, il-possibbiltà li tintalab ir-responsabbiltà tal-esportatur tad-*data* għal kwalunkwe dannu materjali jew mhux materjali kkawżat mill-importatur tad-*data* ma għandhiex tiġi kkundizzjonata minn azzjoni kontra l-importatur tad-*data*.

4.3.14 Klawżola 9 - Superviżjoni

123. Il-Klawżola 9 tirrikjedi li tiġi speċifikata l-SA li hija kompetenti għall-esportatur tad-*data* għall-fini ta' konformità mal-Abbozz tal-SCCs, iżda ma tipprevedix il-każ fejn jista' jkun hemm diversi SAs kompetenti jekk ikun hemm diversi esportaturi tad-*data* bħala partijiet għall-Abbozz tal-SCCs (li hija possibbiltà offruta mill-Abbozz tal-SCCs). L-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li dan l-aspett jiġi ċċarat billi ssir referenza għall-possibbiltà li aktar minn SA waħda taż-ŻEE tkun kompetenti jekk ikunu involuti esportaturi differenti tad-*data* u li, f'dan il-każ speċifiku, kull SA bir-responsabbiltà li tiżgura l-konformità mill-esportatur tad-*data* tkun kompetenti għat-trasferiment speċifiku mwettaq fit-territorju tagħha. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' leġġibbiltà, il-partijiet għandhom jintalbu jaħtru l-SAs kompetenti fl-annessi.

³⁹ Pereżempju, l-Artikolu 47(2)(f) tal-GDPR jirrikjedi li l-BCRs għandhom jispeċifikaw, fost l-oħrajn, “l-aċċettazzjoni mill-kontrollur jew mill-proċessur stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ta' responsabbiltà għal kwalunkwe ksur tar-regoli korporattivi vinkolanti minn kwalunkwe membru kkonċernat mhux stabbilit fl-Unjoni”.

4.4 Taqsima III - Dispożizzjonijiet finali

4.4.1 Klawżola 1 - Nuqqas ta' konformità mal-Klawżoli u t-terminazzjoni

124. Il-Klawżola 1(d) tipprevedi eċċezzjoni għall-obbligu li d-*data* tiġi rritornata jew meqruda qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt meta l-liġi lokali applikabbli għall-importatur tad-*data* tipprojbixxi dan ir-ritorn jew din il-qerda. L-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni tfakkar li l-obbligi tal-importatur tad-*data* skont it-Taqsima II tal-Klawżola 5 japplikaw ukoll fil-każ imsemmi fit-Taqsima III tal-Klawżola 1(d). L-EDPB u l-EDPS iqisu li fl-Abbozz tal-SCCs, il-Kummissjoni għandha tiċċara li huma biss ir-rekwiżiti tal-liġijiet lokali li jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li ma jaqbżux dak li huwa meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika biex jiġi ssalvagwardjat wieħed minn dawn l-oġġettivi elenkati fl-Artikolu 23(1) tal-GDPR li għandhom jitqiesu skont din il-klawżola.
125. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li l-Klawżola 1(d) tipprevedi li l-importatur tad-*data* għandu jiggarrantixxi li se jiżgura, "*sa fejn ikun possibbli*" il-livell ta' protezzjoni meħtieġ minn dawn il-klawżoli.
126. F'dan ir-rigward, l-EDPB u l-EDPS ifakkru li l-livell ta' protezzjoni meħtieġ mill-Abbozz tal-SCCs għandu dejjem jiġi żgurat. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jitolbu lill-Kummissjoni tneħħi r-referenza għal "*sa fejn ikun possibbli*".

4.5 Annessi

127. L-EDPB u l-EDPS jinnutaw li l-Abbozz tal-SCCs huwa mfassal biex possibbilment jintuża – bħala Ftehim bejn Diversi Partijiet – minn aktar minn parti waħda bħala esportaturi tad-*data* u/jew bħala importaturi tad-*data*. Sabiex jiġi evitat ir-riskju li l-linja diviżorja bejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ma tibqax ċara, huwa importanti li l-partijiet, fl-Abbozz tal-SCCs, jingħataw indikazzjonijiet ċari dwar kif l-Anness għandu jimtela kif xieraq. Dan huwa aktar u aktar meħtieġ minħabba l-approċċ modulari li jippermetti li l-klawżoli jiġu inkorporati fi Ftehim bejn Diversi Partijiet li jkopri sa erba' xenarji (trasferimenti bejn kontrollur u kontrollur, bejn kontrollur u proċessur, bejn proċessur u proċessur, u bejn proċessur u kontrollur), u possibbilment għadd kbir ta' trasferimenti, kull wieħed minnhom possibbilment iseħħ bejn esportaturi tad-*data* u/jew importaturi tad-*data* differenti. L-EDPB u l-EDPS għalhekk huma tal-fehma li huwa ta' importanza kbira li l-kuntratt li jiġi ffirmat fil-prattika, inklużi l-Annessi tiegħu, jillimita, b'ċarezza assoluta, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull waħda mill-partijiet (kontrollur-esportatur tad-*data*, esportatur-proċessur tad-*data*, importatur-kontrollur tad-*data*, importatur-proċessur tad-*data*) f'kull relazzjoni, u fir-rigward ta' kull trasferiment jew sett ta' trasferimenti koperti.
128. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Anness tal-kuntratt għandu jkun preċiż biżżejjed sabiex ikun possibbli fi kwalunkwe ħin li jiġi ddeterminat min jieħu r-rwol fir-rigward ta' trasferiment jew sett speċifiku ta' trasferimenti ta' *data* personali. L-EDPB u l-EDPS għalhekk jissuġġerixxu li jiġi ċċarat li **kull trasferiment jew sett ta' trasferimenti**, jiġifieri kull trasferiment jew sett ta' trasferimenti mwettqa għal skop wieħed jew għal ċerti skopijiet diversi u ddefiniti, għandhom jiġu deskritti separatament abbażi tal-iskop(ijiet) tagħhom, it-tipi ta' *data* personali ttrasferita, il-kategorija jew kategoriji tas-suġġetti tad-*data*, it-tip(i) ta' pproċessar, u l-partijiet għat-trasferiment (importatur(i) tad-*data* u esportatur(i) tad-*data*), kif ukoll ir-rwol tal-partijiet rispettivi (kontrollur(i) jew proċessur(i)). Konsegwentement, bħala regola, dejjem se jkun meħtieġ Anness distint – li għandu jinkludi l-Partijiet I sa VI - għal kull trasferiment jew sett ta' trasferimenti. Dan l-Anness distint meħtieġ għal kull trasferiment jew sett ta' trasferimenti għandu jiġi ffirmat biss minn dawk l-esportaturi tad-*data* u l-importaturi tad-*data* li jwettqu t-trasferiment rispettiv. Fl-istess ħin, kull esportatur tad-*data* u importatur tad-*data* li jiffirma l-Anness rispettiv għandu jispeċifika, meta jiffirma l-Anness relatat mat-trasferiment rispettiv jew mas-sett rispettiv ta' trasferimenti, ir-rwol tiegħu fir-rigward ta' dan it-trasferiment jew sett ta' trasferimenti (kontrollur jew proċessur), sabiex tiġi evitata kwalunkwe ambigwiżità.

129. B'riżultat ta' dan, fil-każ ta' Ftehim bejn Diversi Partijiet li jindirizza diversi trasferimenti u/jew partijiet, għandu dejjem ikun ċar liema Anness (li jinkludi l-Partijiet I sa VI) japplika għal liema trasferiment speċifiku jew sett speċifiku ta' trasferimenti, min huma l-esportaturi tad-*data* u l-importaturi tad-*data* involuti f'dak it-trasferiment jew sett ta' trasferimenti, u liema rwol (kontrollur jew proċessur) l-esportatur tad-*data* jew l-importatur tad-*data* rispettiv jieħu f'dak it-trasferiment jew sett ta' trasferimenti. Għal dan il-għan, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li jiġu inklużi xi kliem ta' spjegazzjoni, fil-parti "Anness" tal-Abbozz tal-SCCs, bil-għan li l-partijiet jiġu ggwidati dwar l-użu xieraq u l-iffirmar tal-Anness, b'mod partikolari fil-każ li l-Abbozz tal-SCCs jintuża bħala Ftehim bejn Diversi Partijiet. L-EDPB u l-EDPS ipprovdew xi suġġerimenti ta' formulazzjoni korrispondenti fl-Anness Tekniku ta' din l-Opinjoni Konġunta.
130. Għalhekk, Anness li fih biss informazzjoni ġenerali li tapplika għal varjetà ta' trasferimenti ma għandux jittqies bħala komplet. Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, l-Anness għandu jiġi ffirmat biss mill-partijiet li effettivament iwettqu l-ipproċessar speċifiku, inklużi dawk il-partijiet li jaderixxu mal-klawżola abbażi tal-Klawżola 6 tat-Taqsima I.
131. Problema oħra li wieħed jiltaqa' magħha fil-prattika, hija li l-Annessi tal-SCCs dwar miżuri tekniċi u organizzattivi ta' spiss jimtlew b'mod ġeneriku ħafna minħabba li huma maħsuba li jiġu adattati għal varjetà sħiħa ta' trasferimenti u operazzjonijiet ta' pproċessar differenti, filwaqt li ma jagħtux indikazzjoni preċiża dwar liema miżuri tekniċi u organizzattivi japplikaw għal liema trasferimenti koperti mill-SCCs. Għalhekk, fl-Abbozz tal-SCC (Parti III tal-Anness kif issuġġerit mill-EDPB u mill-EDPS), l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li jiġi enfasizzat b'mod espliċitu li għandhom jiġu enumerati biss dawk il-miżuri tekniċi u organizzattivi speċifiċi li se jiġu applikati għat-trasferiment/sett ta' trasferimenti rispettivi, filwaqt li l-miżuri tekniċi u organizzattivi li se japplikaw biss għal trasferimenti / kategoriji oħra ta' trasferimenti koperti mill-istess Ftehim bejn Diversi Partijiet għandhom jimtlew biss f'dawk l-Annessi li huma relatati ma' dawk it-trasferimenti rispettivi min-naħa tagħhom.
132. Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-kontrollur u l-proċessur, l-EDPB u l-EDPS jinnutaw li, fil-prattika, xi drabi jkun hemm konfużjoni dwar ir-rekwiżiti relatati mas-subproċessuri. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Abbozz tal-SCCs biex jiġi elenkat kull subproċessur għandhom jiġu speċifikament imfakkra u riflessi fil-Parti V tal-Anness. Barra minn hekk, l-EDPB u l-EDPS jissuġġerixxu li (bħala l-Parti V tal-Anness kif issuġġerit) tiġi indikata l-lista ta' subproċessuri maħsuba (inkluż, għal kull wieħed, il-post, l-operazzjoni(jiet) ta' pproċessar tagħhom, u t-tip ta' salvagwardji li implimentaw) sabiex il-kontrollur ikun jista' jawtorizza l-użu tas-subproċessuri intenzjonati kif meħtieġ mill-Artikolu 28(2) tal-GDPR. Barra minn hekk, ikun utli wkoll li tiddaħħal is-sentenza li l-kontrollur awtorizza l-użu tas-subproċessuri msemmija f'dik il-lista.

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

(Wojciech Wiewiorowski)

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)